MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 276/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Joseph Portelli**

**Illum, 27 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Daily Bake Limited (C3668) ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-

hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tlett mitt Euro (€300). In vista tal-fatt li l-appellant m’ghadux jirraprezenta lis-socjeta` Daily Bake Limited mhux il-kaz li tigi mposta multa addizzjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kaptiolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Gunju, 2011, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi abbinat ma’ apprezzament zbaljat tal-provi. Jinghad bl-akbar rispett li dan l-izball jidher li gie ndott minn dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell

Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Robertino Tufigno (14.07.2009).

Illi l-Qorti tal-Magistrati argumentat, dejjem a bazi tas-sentenza citata , li l-accettazzjoni da parti ta’ MFSA ta’ rizenja retroattiva m’ghandha l-ebda effett fuq ir-responsabbilita` kriminali ta’ dak l-ufficjal ghall-perjodu qabel ma pprezenta r-rizenja. Issa filwaqt illi dak il-pronunzjament seta` kien korrett in kwantu jirrigwarda l-kaz ta’ Robertino Tufigno, c-cirkostanzi tal-kaz in dizamina huma differenti u l-principju enunzjat f’dik is-sentenza ma jistax japplika *erga omnes.* Kull kaz ghandu jigi ezaminat individwalment skond ic-cirkostanzi u l-fattispeci partikolari tieghu.

Illi f’dak il-kaz irrizulta mill-provi li fi zmien ta’ reati addebitati kontrih huwa kien qed jahdem ghas-scojeta` li taghha kien company secretary. Meta rcieva l-imputazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, huwa pprezenta Form K fir-registru tal-kumpaniji b’effett retroattiv. Kien proprju ghalhekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali rriteniet li persuna ma setghatx tezimi ruhha mir-responsabbilita` penali billi semplicement tipprezenta Form K fir-registru tal-kumpanija meta jkun jirrizulta li effettivament il-persuna kellha kariga fis-socjeta` de quo u anke agixxiet ghan-nom ta’ dik is-socjeta` fil-perjodu ta’ l-imputazzjoni.

Illi l-kaz ta’ l-appellant huwa toto coelo differenti minn dak ta’ Robertino Tufigno. Il-posizzjoni tieghu hija regolata bis-subinciz (1) ta’ l-artikolu 146 ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) li jghid hekk :
*“Kull kumpanija ghandha tibghat lir-Registratur ghar-registrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi taghha, s-segretarju taghha jew fir-rapprezentanza tal-kumpanija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien ma’ l-isem u r-residenza ta’ kull direttur gdid jew segretarju tal-kumpanija gdid, fi zmien erbatax-il jum minn dik il-bidla.....”*

Illi s-subinciz (2) ta’ l-imsemmi artikolu 146 addirittura jistabbilixxi penali ghan-nuqqas ta’ ottemporanza ma’ l-obbligi mposti fl-ewwel subinciz.

Illi huwa ghalhekk car li l-appellant ma kellu ebda obbligu li jipprezenta l-Form K fir-registru tal-kumpaniji u ghamel hekk biss appena sar jaf li min kellu dan l-obbligu ma osservahx . Jinghad bl-akbar rispett li responsabbilita` penali fil-kamp ta' socjeta` kummercjali m'ghandhiex tipprexxindi mir-responsabbilitajiet ta' l-istess socjeta` u r-responsabbilitajiet tar-rappresentanti taghha. Jinghad ukoll li r-responsabbilita` penali ma tista` qatt tkun ultra-attiva. Jekk persuna m'ghadx ghandha kariga f'socjeta`, allura lanqas ma ghandu jkollu responsabbilita` vikarja marbuta ma' l-istess socjeta`. Id-data ta' meta l-Form K tigi pprezentata fir-registru tal-kumpaniji hija generalment irrilevanti u tista` tkun rilevanti biss f'kazijiet ta' persuni li l-ewwel jokkupaw kariga f'socjeta` mbaghad jipprezentaw il-Form K b'effett retroattiv bil-ghan li jikkancellaw responsabbilita` li skond il-ligi penali ma tistax tigi kancellata. Bil-kemm hemm ghalfejn jinghad li rrizulta car li dan ma huwiex il-kaz ta' l-appellant.

Illi jigi rilevat ghal kull buon fini li l-appellant ma kellu assolutament ebda obbligu li jgib, kif qalet il-Qorti tal-Magistrati, "prova ta' x'tentattivi ghamel mill-31 ta' Dicembru 1998 biex hu jassikura li r-rizenja tieghi tinghata effett legali". Kif gie gja spjegat, l-obbligu li jsir dak suggerit mill-Qorti ma kienx jaqa` fuqu u allura l-appellant ma jsitax ma jillamentax minn din l-enunzjazzjoni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

Mill-provi prodotti rrizulta li s-socjeta` Daily Bake Limited naqset li tottempra ruhha mar-rekwiziti tal-Kap. 372 ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti u l-hlasijiet relattivi ghal "Final Settlement System" mis-sena 1999 sat-2005, liema nuqqasijiet ghadhom jippersistu sallum.

Irrizulta wkoll illi l-appellant kien direttur ta' din is-socjeta` minn qabel il-31 ta' Dicembru 1998.

Irrizulta illi fid-29 ta' April 2011 huwa pprezenta Form K fir-registru tal-kumpaniji permezz ta' liema dokument huwa nforma lir-registru illi rrizenja minn direttur tas-socjeta` Daily Bake Limited b'effett mill-31 ta' Dicembru 1998.

Flimkien ma din il-Form Kipprezenta affidavit fejn huwa ddikjara illi m'ghamel xejn fil-kwalita` tieghu ta' direttur ta' dik is-socjeta` wara illi baghat ir-rizenja tieghu fil-31 ta' Dicembru, 1998.

Ikkunsidrat :

L-appellant argumenta illi huwa kellu obbligu illi jinforma lil kumpanija bir-rizenja tieghu u hekk ghamel. Ma kienx tort tieghu illi l-kumpanija ma baghatitx il-Form K lir-registru tal-kumpanija. Meta induna li dan ma sarx, ghamilha hu stess, kif ukoll b'affidavit biex juri illi ma kienx tort tieghu illi ma ntbaghatitx dik il-formola. Kienet il-kumpanija illi kellha l-obbligu li tinforma lir-registru tal-kumpanija u mhux hu.

Fil-perjodu koncernat l-appellant qatt ma agixxa ghan-nom tal-kumpanija u ma kienx jaf li l-kumpanija naqset mill-obbligu taghha li tinforma lir-registru tal-kumpanija.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Bhal ma qalet l-Ewwel Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs Robertino Tufigno" deciza fl-14 ta' Lulju 2009 *"l-accettazzjoni da parti tal-MFSA ta' rizenja retroattiva m'ghandha l-ebda effett fuq ir-responsabilita` kriminali ta' dak l-ufficjal ghal perjodu qabel ma pprezenta r-rizenja. Dan ifisser kwindi, illi l-obbligu ta' direttur jispicca mal-prezentata tal-Form K lir-registru tal-kumpaniji u mhux man-nota li jkun baghat lil kumpanija li biha jinforma bir-rizenja tieghu. Id-direttur ghandu l-obbligu ukoll li jasigura li l-Form K tkun intbaghatet lir-registru tal-kumpaniji ghax hekk biss jista` jehles mir-responsabbilita` versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni."* Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawzi "Il-Pulizija vs Joseph M. Debono" tad-9 ta' Dicembru 2011 fejn is-sitwazzjoni simili bhal din avverat ruhha w il-Qorti xorta sabet responsabbilita`.

Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta fil-konkluzzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz li dik is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta` u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------